

Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017

P8_TA(2017)0447

Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-New Zealand (Riżoluzzjoni)

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Novembru 2017 li fih mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni fisem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra (15470/2016 – C8-0027/2017 – 2016/0366(NLE) – 2017/2050(INI))

(2018/C 356/11)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15470/2016),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ (09787/2016),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 207, l-Artikolu 212(1), l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0027/2017),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ⁽²⁾, adottat f'Lisbona fl-2007,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni reċenti tiegħu dwar New Zealand tal-25 ta' Frar 2016 dwar il-bidu tan-negozjati dwar l-FTA mal-Awstralja u New Zealand ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li jstabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' New Zealand f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet, iffirmat fl-2012 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand ⁽⁵⁾, li daħal fis-seħħ fl-2009,
- wara li kkunsidra t-22 laqgħa interparlamentari UE-New Zealand, li saret Brussell fit-23 ta' Marzu 2017,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-16 ta' Novembru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 99(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0333/2017),

A. billi New Zealand igawdi minn sħubija stretta u storika mal-Unjoni Ewropea u mal-Istati Membri tagħha;

⁽¹⁾ ĠU L 321, 29.11.2016, p. 3.

⁽²⁾ ĠU C 32, 6.2.2008, p. 1.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0064.

⁽⁴⁾ ĠU L 160, 21.6.2012, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 171, 1.7.2009, p. 28.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P8_TA(2017)0446.

Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017

- B. billi l-Unjoni Ewropea tikkondividi valuri u prinċipji komuni ma' New Zealand, inklużi r-rispett tal-prinċipji demokratiċi, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali, tal-istat tad-dritt, tad-dritt internazzjonali, tal-paċi u s-sigurtà;
- C. billi l-Unjoni Ewropea għadha t-tielet l-akbar sieħeb kummerċjali ta' New Zealand u ż-żewġ naħat iżommu firxa wiesgħa ta' interessi ekonomiċi u kummerċjali;
- D. billi l-ewwel ambaxxatur residenti fi New Zealand assuma l-kariga f'Settembru 2016, okkażjoni li mmarkat it-tranżizzjoni sħiħa lejn Delegazzjoni awtonoma tal-Unjoni Ewropea fi New Zealand;
- E. billi New Zealand igawdi minn relazzjonijiet tajbin ma' għadd tal-eqreb sħab tal-UE, partikolarment mal-Awstralja u mal-Istati Uniti; josserva, f'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni ta' Wellington tal-2010 li tistabbilixxi qafas ta' sħubija strateġika bejn New Zealand u l-Istati Uniti, kif ukoll il-Ftehim dwar l-Intensifikazzjoni tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi (Closer Economic Relations – CER) iffirmat mal-Awstralja fl-1983;
- F. billi New Zealand, membru tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD, huwa sieħeb prezzjuż għall-iżvilupp u fornitur importanti ta' assistenza f'termini ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) bħala perċentwal tal-ING u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u għat-tnaqqis tal-faqar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal pjaneta aktar ġusta, aktar sikura u aktar prospera;
- G. billi New Zealand huwa membru tal-alleanza tal-intelligence "Five Eyes" flimkien mal-Istati Uniti, mar-Renju Unit, mal-Kanada u mal-Awstralja; billi Stati Membri oħra tal-UE (Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Belġju, l-Iżvezja, id-Danimarka u Spanja) huma parti mill-arranġament anqas strett magħruf bl-isem ta' "Fourteen Eyes";
- H. billi New Zealand ipoġġi enfasi speċjali fuq l-iżvilupp tar-relazzjonijiet fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, partikolarment maċ-Ċina, mal-Asja tax-Xlokk u mal-Ġappun, u jikkontribwixxi għall-istabilità reġjonali tal-Asja tax-Xlokk u tal-Paċifiku tal-Lbiċ;
- I. billi reġjun tal-Asja-Paċifiku integrat, li fih New Zealand jiżvolġi rwol prominenti, jikkontribwixxi għal sistema globali bbażata fuq valuri u regoli u, għaldaqstant, għas-sigurtà tal-istess Unjoni;
- J. billi New Zealand huwa membru fundatur tal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku (PIF) u għandha sħubija strateġika mal-ASEAN;
- K. billi New Zealand ikkonkluda ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles mal-Awstralja, ma' Singapore, mat-Tajlandja, maċ-Ċina, ma' Hong Kong, mat-Tajwan, mal-Malasja u mal-Korea t'Isfel, kif ukoll ftehimiet kummerċjali multilaterali tal-Ftehim tas-Sħubija Strateġika u Ekonomika Trans-Paċifika ma' Singapore, maċ-Ċili u mal-Brunei, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ASEAN-Awstralja-New Zealand u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles New Zealand-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC); billi ċ-Ċina u New Zealand qegħdin jippruvaw iqawwu l-ftehimiet kummerċjali tagħhom;
- L. billi New Zealand huwa wkoll parti tal-ftehim tas-Sħubija Trans-Paċifika (TPP), u rratifikah, u huwa parti attiva fin-negożjati għas-Sħubija Ekonomika Komprensiva Reġjonali (RCEP);
- M. billi New Zealand kien membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għal mandat ta' sentejn mill-2015 sal-2016 li matulu assuma, b'sens ta' tmexxija u viżjoni b'saħħtu, il-presidenza tal-Kunsill tas-Sigurtà darbtejn;
- N. billi New Zealand ilu żmien twil membru tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), tal-Bank Dinji u tal-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp (ADB) u huwa membru tal-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura (AIIB) b'sede f'Shanghai li għadu kif twaqqaf;

Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017

- O. billi New Zealand ta l-kontribut tiegħu lill-operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi tan-NU, inklużi fil-Bożnija, fil-Kosovo, fi Sierra Leone u fl-Afganistan; billi fl-Afganistan mexxa skwadra għar-rikostruzzjoni fil-provinċja ta' Bamyān, kif ukoll missjonijiet ta' taħriġ biex jgħin fl-iżvilupp tal-Armata Nazzjonali Afgana, barra milli kkontribwixxa għall-missjoni EUPOL sal-2012 biex tingħata assistenza fl-istabbiliment mill-ġdid tal-ordni pubbliku;
- P. billi New Zealand ilu mill-2015 iwettaq missjoni ta' taħriġ mhux għall-ġlied fl-Iraq bil-għan li jħarreġ il-forzi tas-sigurtà tal-Iraq fl-ambitu tal-ġlieda kontra l-IS/Daesh;
- Q. billi New Zealand kien l-ewwel pajjiż fid-dinja li adotta l-vot universali fl-1893;
- R. billi New Zealand huwa proponent tal-produzzjoni ekoloġika, partikolarment tal-ikel, u ilu jipromwovi l-ftehimiet komprensivi globali fil-qasam tal-klima fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Pariġi COP21 u l-azzjoni effikaċi ta' mitigazzjoni min-naħa tal-pajjiżi żviluppatti kollha u tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw prinċipali li huma għajn ta' emissjonijiet, anki billi jaġixxi ta' prekursor bl-istabbiliment ta' skema nazzjonali għan-negozjar ta' emissjonijiet;
- S. billi New Zealand u l-Unjoni Ewropea jikkooperaw fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, tar-reżiljenza u tal-mitigazzjoni biex jiġġieldu l-effetti tat-tibdil fil-klima fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, speċjalment billi jrawmu l-użu sistematiku tal-enerġija rinnovabbli;
- T. billi New Zealand u l-Unjoni Ewropea jikkooperaw fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u fil-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima fir-reġjun tal-Paċifiku, b'attenzjoni partikolari fuq ir-rwol li jiżvolġu l-għejjun ta' enerġija rinnovabbli;
- U. billi New Zealand jikkontribwixxi fil-Fond Internazzjonali għall-Irlanda, organizzazzjoni li taħdem għall-promozzjoni tal-progress ekonomiku u soċjali, u tinkoraġġixxi u tiffaċilita d-djalogu u r-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet;
1. Jilqa' pożittivament il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni, li se joffri qafas politiku proġettat lejn il-futur għar-relazzjonijiet UE-New Zealand kif ukoll kooperazzjoni fl-iżvilupp sostenibbli u f'firxa komprensiva ta' kwistjonijiet li se jiġu żviluppatti ulterjorment fis-snin li ġejjin biex tingħata tweġiba lil ambizzjonijiet u aspirazzjonijiet ġodda;
 2. Jappoġġa t-tnejja tan-negozjati dwar il-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u New Zealand, li għandhom jitmexxew fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju għal xulxin, b'kont meħud tas-sensittività ta' ċerti prodotti agrikoli u ta' tip ieħor; jišhaq fuq il-fatt li huwa importanti li jissaħħaħ id-djalogu politiku u titjeb il-kooperazzjoni dwar it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, il-kummerċ u l-investimenti;
 3. Japprezza l-ġest tal-Prim Ministru Bill English li bih enfasizza u tenna l-impenn lejn ir-relazzjonijiet speċjali mal-Ewropa meta għamel l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu barra l-pajjiż fl-Unjoni Ewropea, fil-Parlament Ewropew, f'Londona u f'Berlin f'Janar 2017, xahar wara biss li nħatar Prim Ministru;
 4. Jirrikonoxxi r-relazzjonijiet bilaterali storiċi u b'saħħithom bejn New Zealand u l-Istati Membri tal-UE, inklużi r-rabtiet kulturali, ekonomiċi u interpersonali;
 5. Jissottolinja l-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea ma' New Zealand fil-qasam tal-paċi, tas-sigurtà u tal-istabilità reġjonali fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, tal-agrikoltura, tal-iżvilupp sostenibbli, tas-sajd u tal-affarijiet marittimi, tat-trasport, tal-għajnuna umanitarja, tal-miżuri sanitarji, tal-enerġija, tal-ambjent u tat-tibdil fil-klima;
 6. Jissottolinja l-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea ma' New Zealand għat-tisħiħ tal-governanza ambjentali u tal-oċeani, li hi neċessarja biex jintlaħqu l-oġettivi ta' konservazzjoni u użu sostenibbli tar-riżorsi;
 7. Jieħu nota tal-pjan direzzjonali UE-New Zealand fil-qasam tal-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni; jinkoraġġixxi aktar investment u opportunitajiet ġodda fil-kooperazzjoni xjentifika, akkademika u teknoloġika;

Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017

8. Jilqa' b'sodisfazzjon l-artikoli tal-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, partikolarment l-impenji għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-gruppi u n-netwerks terroristiċi u l-iskambju ta' fehmiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-propaganda, ir-radikalizzazzjoni u ċ-ċiberkriminalità tiegħu, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u jirrispettaw l-istat tad-dritt;
9. Jenfasizza l-parteċipazzjoni ta' New Zealand fl-operazzjonijiet tal-UE għall-immaniġġar ta' kriżijiet biex ikunu promossi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u l-kontribut tiegħu fl-operazzjonijiet kontra l-piraterija EUNAVFOR Atalanta l barra mix-xtut tal-Qarn tal-Afrika, fl-EUPOL Afghanistan u fl-EUFOR Althea fil-Bożnija-Ħerzegovina;
10. Ifaħħar l-impenn li New Zealand ilu li ħa favur il-koalizzjoni internazzjonali kontra t-terroriżmu; ifakkar li New Zealand jista' jżvolgi rwol sinifikanti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku; jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-pajjiż diġà joffri sostenn lill-gvernijiet u lill-NGOs fil-pajjiżi tal-Asja tax-Xlokk kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni;
11. Jirrikonoxxi r-rwol ta' New Zealand fil-kosponsorizzazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Proċess ta' Paċi fis-Sirja u fil-Lvant Nofsani fi tmiem l-2016 fil-mument meta kien membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li New Zealand ilu li ħa fir-rigward tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u jifraħlu tal-isforzi u tal-kontributi kostruttivi tiegħu favur l-iżvilupp u l-effikaċja tal-QKI bħala mezz biex jissaħħu l-paċi u l-ġustizzja internazzjonali;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-ratiffa min-naħa ta' New Zealand tal-ftehim dwar il-klima COP21 u josserva pożittivament il-fatt li aktar minn 80 % tal-elettriku tiegħu ġej minn sorsi enerġetiċi rinnovabbli;
14. Jieħu nota tas-Sħubija UE-New Zealand fis-settur tal-enerġija għall-Paċifiku; jistieden liż-żewġ partijiet iqawwu l-kooperazzjoni dwar l-enerġija sostenibbli konformement mal-inizjattiva tan-Nazzjonijiet Uniti "Enerġija sostenibbli għal kulħadd";
15. Jirrikonoxxi l-kontribut ta' New Zealand fil-protezzjoni, fil-konservazzjoni u fl-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u fir-riċerka relatata mal-baħar;
16. Jemmen li New Zealand huwa sieħeb importanti fil-kooperazzjoni dwar l-ambjent u fil-protezzjoni tiegħu fir-reġjun tal-Paċifiku u fl-Antartika;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament ta' New Zealand.